# It-Twaqqif tas-Soċjetà Sant' Elena u l-Ispiżjar Carmelo Sammut



Meta twaqqfet is-Soċjeta' tal-Bagri? Sa ftit xhur ilu r-risposta dejjem kienet li twaqqfet fl-1919, u li l-Banda Sant'Elena daqqet għall-ewwel darba fl-istess sena, fil-festa ta' Marija Annunzjata ta' Ħal-Balzan 1



*Fundatur - Ignazju Sammut*

Meta ftit xhur ilu bdejt nikteb l-istorja tas-Soċjeta' ma sibt l-ebda dokument b'rabta mal-ewwel żmien tal-Banda. Iżda ftit xhur ilu, filwaqt li kont qed inqalleb gazzetta lokali, sibt ittra stampata li xeħtet dawl importanti fuq dati tant mixtieqa, ta' meta bdiet is-Soċjeta'.

F'Novembru 1918, it-Tabib Filippu Sciberras għamel appell lill-Għaqdiet Maltin biex jingħaqdu flimkien u jiffurmaw Assembleja Nazzjonali, biex tinkiseb Kostituzzjoni aħjar mill-Gvern Ingliż. L-Għaqdiet Maltin laqgħu dan l-appell, u bdew jagħtu l-adeżjoni tagħhom u jaħtru d-delegati tagħhom. Hekk għamlu l-Kapitlu Elenjan, il-Banda 'Duke of Connaught', il-'Circolo Costantino Magno' u l-Banda La Pace Circolo Indipendente, li kienu mwaqqfa f'Birkirkara 2 .



*Fundatur - Gamri Grima*



*Fundatur - John Grech Duca*

Qallibt il-gazzetti biex insib l-ismijiet tad-delegati ta' dawn is-Soċjetajiet. Hawn ġiet is-sorpriża, għax fil-gazzetta 'Malta' tal-15 ta' Frar 1919, sibt l-adeżjoni tas-Soċjeta' Sant'Elena b'ittra bid-data tas-6 ta' Frar 1919.

"Questo Circolo facendo plauso al patriottico invito pubblicato da VS Illma nel Malta del 28 Nov vS ha delegato il suo Presidente qui sottoscritto ed il suo

Segretario Notario C. Gatt a rappresentare in tutte le riunioni che si terranno allo scopo prefisso.
Con distinto stima di V.S. Illma.
Farmacista C. Sammut Presidente" 3.

Fi ftit kliem l-ittra kienet tgħid li ċ-Circolo Sant'Elena, billi approva l-invit li kien sar mit-tabib Filippu Sciberras, kien iddelega lill-President u s-Segretarju biex jieħdu sehem fil-laqgħat kollha tal-Assembleja Nazzjonali.

Għalija din l-ittra għandha valur kbir għax s'issa hija l-uniku dokument li ġie f'idejja b'rabta mal-ewwel żmien tal-Banda. Minnha wieħed jista' joħroġ ċerti konklużjonijiet:

1. L-ewwelnett li s-Soċjeta' tal-Bagri kienet diġa' qed tiffunzjona fis-6 ta' Frar 1919, jiġifieri meta nkitbet l-ittra.

2. It-tieni, Soċjeta' ma titwaqqafx mil-lum għal għada. Mela wieħed jista' jikkonkludi li filwaqt li nafu żgur li s-Soċjeta' kienet diġa' teżisti fis-6 ta' Frar, hemm indikazzjoni ċara li s-Soċjeta' twaqqfet bejn wieħed u ieħor f'Jannar 1919.

3. Li l-ewwel Segretarju tas-Soċjeta' kien in-Nutar Kalċidon Gatt, li kien missier in-Nutar Ġużi Gatt li kien il-President tas-Soċjeta' bejn l-1940-1954.

## L-Ispiżjar Carmelo Sammut



Min kien l-Ispiżjar Sammut? Mit-tiftix li għamilt jidher li l-Ispiżjar Sammut beda jipprattika bħala spiżjar f'xi żmien bejn l-1912-1914 4 . Qrib l-1916 nafu li kien joqgħod fid-dar Nru 36, Pjazza Sant'Elena, u li kien qed jieħu ħsieb l-ispiżerija 'Central Pharmacy' li kien hemm fl-istess pjazza 5, kif baqa' jagħmel b'ċertezza sa nofs is-sena 30 tas-seklu għoxrin 6.

Billi dak iż-żmien ftit kien hawn spiżerji, u l-kariga ta' spiżjar f'raħal kienet waħda importanti, Carmelo Sammut żgur li kien bniedem magħruf fir-raħal. Dan seta' wassal biex fl-1919 ġie maħtur bħala l-ewwel President tas-Soċjeta' Sant'Elena, u bħal wieħed miż-żewġ rappreżentanti tagħha fl-Assembleja Nazzjonali 7.

L-Ispiżjar Carmelo Sammut kien miżżewweġ lil Mary nee' Alessi, u minn dan iż-żwieġ kellhom numru ta' tfal, li kienu jinkludu lin-Nutar Ġużeppi Sammut li kien membru tal-Assembleja Leġislattiva bejn l-1951-1953 8, it-Tabib William Sammut, Patri Ġiżwita u Soru 9.

L-Ispiżjar Carmelo Sammut miet f'B'Kara fis-26 ta' Marzu 1957, fl-eta' ta' 66 sena 10.

1. E.B. Vella, "Storja ta' B'Kara bil-Kolleġġjata tagħha,' Malta 1934 p.
2. Malta Tagħna 28-II-1918, Malta, 18-11-1919, Malta Tagħna, 22-11-1919, Malta 21-11-1919.
3. Malta, 15-11-1919
4. Fil-Guida Generale di Malta e Gozo, 1912, pp 231-232, ismu ma jidhirx ma' dak tal-Ispiżjara Maltin. Iżda jidher mal-lista tal-ispiżjara li deheret fil-Guida Generale di Mata e Gozo 1914 p 225.
5. Ara Guida Generale di Malta e Gozo 1916, p371.
6. Ibid. 1918, p 283, 1929-1930 p 290, 1931-1932 p 294, 1933-1934 p 292
7. Malta, 6-11-1919
8. Times of Malta 27-III-1951 p 7, W.L. Zammit
9. Times of Malta 27-III-1951 p 7
10. Ibid.